# X'QED TAGĦMEL?

Ħafna minnkom semgħu bit-tfajla Anne Frank, li mietet fil-kamp tal-konċentrament ta' Aushchwitz fi Frar jew Marzu tal-1945. Din Anne twieldet fil-Ġermanja u kienet ta' nisel Lhudi. Missierha ħa l-familja kollha lejn l-Olanda għax ħaseb li hemmhekk seta' jeħles mill-persekuzzjoni kontra l-Lhud. Anne għaddiet żmien moħbija f'post sigriet anness ma' fabbrika, fl-Olanda. Fuq medda ta' sentejn Anne żammet diary u l-kitbiet tagħha ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-1947. Dan id-djarju għadu bestseller sal-lum. Għal-lum xtaqt ngħaddilkom riflessjoni ċkejkna li għamlet Anne Frank f'dan id-djarju: "Hija ħaġa tal-għaġeb li ħadd ma għandu bżonn joqgħod jistenna mument wieħed biss biex jibda jtejjeb il-qagħda tad-dinja". Anne għarfet li l-affarijiet fid-dinja jmorru għall-aħjar meta aħna nibdew xi ħaġa, fejn inkunu, mingħajr ma nittratienu, mingħajr ma nħallu għal għada.



Ħbieb, il-ħajja ma tiddependix kollha minni u minnek. Hemm ħafna affarijiet li m'għandniex kontroll fuqhom. Jien ma nistax niddeċiedi min huma missieri u ommi. Ma nistax niddeċiedi fejn nitwieled. Ma nistax niddeċiedi kif inhi l-fiżjonomija tiegħi. Imma meta niġi fl-età tiegħi nista' niddeċiedi li "ntejjeb id-dinja" kif tgħidilna Anne Frank. Meta kienet moħbija f'dak il-post dejjaq u mingħajr possibilità li toħroġ għall-arja u x-xemx, Anne Frank setgħet tagħżel li tidħol f'inkubu, u ma tagħmel xejn. Għażlet li żżomm djarju li għadu ta' ispirazzjoni għan-nies tal-lum.

Huwa importanti li nirringrazzjaw lil Alla għaż-żmien li jislifna. Huwa importanti li ħajjitna tkun għotja sħiħa u kontinwa għall-oħrajn. Xi drabi nisma' lil xi persuni adulti li jkunu kkumbattew, ħadmu, bkew u għamlu minn kollox biex jagħtu l-aħjar, biex iħawlu l-Vanġelu fil-qalb ta' wliedhom. Dawn ukoll huma l-membri tal-komunità li tejbu u għadhom itejbu d-dinja.

Min iwassal il-Vanġelu bil-ferħ kif qalilna l-Papa Franġisku, ikun qed jagħti l-aqwa ikel, ix-xorb li jaqta' kull għatx. Dalwaqt nibdew naħsbu għas-sena pastorali l-ġdida. Ilkoll kemm aħna, kbar u żgħar nistgħu nagħmlu xi ħaġa iktar biex niltaqgħu ma' Kristu... u nsibu lilna nfusna.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI:**

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li se jsir barbikju fil-bitħa tal-Mużew Marittimu nhar it-Tlieta 9 ta' Awwissu, fis-7:15pm. Biljetti mingħand Tonina 21553041/79923153.

**IN-NADUR, DRAWWIET, ARTI U KULTURA:** Wirja ġewwa Dar Dun Franġisk Grima, Triq it-Tiġrija, in-Nadur:
13 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm
14 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm u mis-6:00pm - 8:00pm
15 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm
20 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm
21 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm u mis-6:00pm - 8:00pm
27 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm
28 ta' Awwissu: 10:00am - 12:00pm u mis-6:00pm - 8:00pm
3 ta' Settembru: 10:00am - 12:00pm
4 ta' Settembru: 10:00am - 12:00pm u mis-6:00pm - 8:00pm
8 ta' Settembru: 10:00am - 12:00pm

**ENGLISH CORNER**

***Nineteenth Sunday in Ordinary Time (Year C) - 7th August 2022***
Jesus said to his disciples: "Do not be afraid any longer, little flock, for your Father is pleased to give you the kingdom." Luke 12:32

Mt 24:42a, 44
R. **Alleluia, alleluia.**
Stay awake and be ready!
For you do not know on what day your Lord will come.
R. **Alleluia, alleluia.**

**ATTENTI!**
25% tal-materjal li jintefa' fil-boroż tar-riċiklaġġ hu magħmul minn materjal li ma jistax jiġi rriċiklat.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am